MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 529/2013

**Mobisle Communications Limited C24655**

**vs.**

**Kovachev Georgi Borisov K.I. 59576(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu, is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elf, ħames mija u ħamsin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€1550.47), in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C51113621* marbut man-numru tat-telefon ċellulari *79018958,* liema servizzi ġew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt iddatat 19 ta' Jannar 2011;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma elf, ħames mija u ħamsin Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€1550.47), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi ppreżentata fl-1 ta’ Awwissu 2013 u numerata 1853/13, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali ċċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------